MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Numru. 531/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**MEDHANE GHEBREMEDHIN DAWIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Medhane Ghebremedhin Dawit, 26 sena, iben Medhane u Nettsetti, imwieled Halay gewwa l-Eritrea fit-2 ta' Dicembru, 1985, li joqghod x'imkien l-Imsida, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 81735A.

Gie akkuzat talli nhar fil-5 ta' Dicembru, 2012, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija (21:30hrs), gewwa c-Centru ta' Detenzjoni Miftuh, Hal Far:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Ahmedin Ali Birhanu, numru tal-Pulizija 12Y 46, f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess persuna, jew li gibilha disordni f'mohhha, liema offiza hija ta' natura gravi peress li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;

2 Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., nhar il-31 ta' Dicembru, 2012.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tal-imputat, tramite l-interpreti mahtura mill-Qorti, li sar fis-Seduta tallum, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, tramite l-interpreti mahtura mill-Qorti, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carol Fabri iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Innutat ukoll li d-Difiza issottometiet li waqt dan l-incident l-imputat kien xurban.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 218, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Medhane Ghebremedhin Dawit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundana lill-imsemmi imputat Medhane Ghebremedhin Dawit ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------